

Brussell, 31 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9519/1/22
REV 1

SOC 313
EMPL 207
EDUC 192
ECOFIN 506

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Miri nazzjonali sena wara s-Summit Soċjali ta' Porto - Skambju ta' fehmiet

I. INTRODUZZJONI

Is-Summit Soċjali ta' Porto li sar fis-7 u t-8 ta' Mejju 2021 immarka pass kbir lejn Ewropa soċjali bil-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-preżentazzjoni ta' tliet objettivi ewlenin għall-2030, milqugħa mill-mexxejja tal-UE fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021:

- **Rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % fost il-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena**, li tinkludi mill-inqas tnaqqis bin-nofs tad-differenza bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg, iż-żieda fil-provvista ta' edukazzjoni u kura formali bikrija tat-tfal u t-tnaqqis tar-rata taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEET) għal 9 % jew inqas;

- **Rata annwali tal-edukazzjoni formali għall-adulti ta' mill-inqas 60 %**, b'enfasi fuq it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola kif ukoll fuq il-ħiliet diġitali biex jiġi żgurat li mill-inqas 80 % ta' dawk bejn is-16 u l-74 sena jkollhom ħiliet diġitali bażiċi;
- **Mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali** (meta mqabbel mal-2019), li minnhom mill-inqas 5 miljun tifel u tifla.

Sabiex twettaq u tikseb dawn l-oġettivi fil-livell tal-UE, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u biex twieġeb għas-sejħa tal-Impenn Soċjali ta' Porto, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Istati Membri, sa mis-sajf tal-2021, biex iwettqu dawn it-tliet oġettivi fil-livell nazzjonali. Għal dan il-għan, kull wieħed mill-Istati Membri daħal f'konsultazzjoni estensiva mas-sħab soċjali nazzjonali u mas-soċjetà ċivili, kif ukoll wettaq ħidma teknika.

Il-miri Ewropej u nazzjonali ser jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'rabta mal-koordinazzjoni tal-politiki tas-Semestru Ewropew.

II. RIŻULTATI TAL-ĦIDMA NAZZJONALI

Fil-qafas tad-diskussjonijiet bilaterali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadmu biex jaġġustaw il-miri nazzjonali qabel jadottawhom. Fi tmiem dawn id-diskussjonijiet, jidher li l-miri stabbiliti mill-Istati Membri ser jagħmluha possibbli li wieħed imur lil hinn mill-oġettivi Ewropej dwar l-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar imħabbra f'Porto u li joqrob aktar lejn l-oġettiv marbut mal-kompetenzi.

III. KONKLUŻJONI

Wara li ħadu nota ta' din il-ħidma, il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-miri nazzjonali abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

- *B'liema mod l-istabbiliment ta' miri nazzjonali jirrifletti u jenfasizza l-prijoritajiet ta' politika stabbiliti fil-livell nazzjonali?*
- *Kif inhum involuti s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fid-definizzjoni kif ukoll fil-kisba tal-miri nazzjonali fl-Istat Membru tiegħek? Huma involuti wkoll partijiet ikkonċernati oħra?*
- *Kif taħseb li l-istabbiliment ta' miri nazzjonali jippermetti li tissaħħaħ l-Ewropa soċjali? Taħseb li l-iskambji ta' prattiċi tajba bejn l-Istati Membri huma pass importanti lejn il-kisba tal-oġettivi kemm Ewropej kif ukoll nazzjonali? Jekk iva, kif taħseb li dawn l-iskambji jistgħu jiġu organizzati?*